# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 t'April tas-sena 2002.**

**Numru 3**

**Avviz numru 166/00/SM**

**Falcon Investments Limited**

**vs**

**Jacqueline Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Prevja d-dikjarazzjoni tal-Qorti illi l-kirja li saret lilha mic-censwalist tal-fond 30, Cathedral Street, Sliema, saret taht kondizzjonijiet mhux gusti, u ghalhekk is-socjeta' attrici, proprjetarja tal-imsemmi fond mhux obbligata tirrikonoxxi tali kirja, u privja d-dikjarazzjoni tal-Qorti illi kosegwentement hi qed tokkupa l-imsemmi**

**fond minghajr titolu validu fil-ligi, tizgombra mill-fond 30, Cathedral Street, Sliema, u dan fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tiffissa;**

**2. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni u ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokalizzju tal-fond hu ta' LM200 fis-sena;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-30 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi, preliminarjament d-dar 30, Cathedral Street, Sliema, hija r-residenza ordinarja tal-eccipjenti, li hija cittadina ta' Malta u ghalhekk ir-rimedju mitlub taht il-Kodici Civili ma huwiex permess mill-Ligi stante illi ai termini tal-Artikolu 12 subinciz 3 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, l-eccipjenti ghandha l-jedd illi tkompli tokkupa d-dar taht kirja gdida minghand il-padrun dirett bl-istess kera, taht l-istess kundizzjonijiet kif imsemi fis-subparagrafu 1 u 2 tas-subartikolu 2, tal-imsemmi Artikolu dwar l-Enfitweta, liema Artikolu 12 jipprevalixxi fuq il-Kodici Civili kif provdut fl-istess Artikolu;**

**2. Illi, subordintament u minghajr ebda pregudizzju ghalhekk, l-attrici ma tistax tagixxi a bazi tal-Kodici Civili peress illi, l-imsemmi Artikolu tal-Kap 158 jipprovdi illi d-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ghandhom jidhlu fis-sehh minkejja kull haga li hemm fil-Kodici Civili jew f'xi Ligi ohra;**

**Ghalhekk it-talba ghall-izgumbrament a bazi tal-kundizzjonijiet gusti o meno li tohrog mill-Kodici Civili ma tistax tkun applikabbli f'dan il-kaz;**

**3. Illi, subordinatament, skond il-principju tad-dritt, il-Ligi posterjuri u specajli bhal dik tal-Kap 158 tipprevalixxi fuq il-Kodici Civili, u ghalhekk ukoll ghandu jkun applikabbli l-Artikoku 12 tal-**

**Kap 158 u mhux l-Artikolu tal-Kodici Civili li fuqu hija msejsa l-azzjoni odjerna;**

**4. Illi , subordintament, u minghajr pregudizzju, mhux minnu illi l-kirja saret taht kundizzjonijiet mhux gusti u ghalhekk it-talbiet attrici wkoll huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet lir-rapprezentanti legali tas-socjeta' attrici u lill-konvenuta jinfurmaw lill-qorti li l-partijiet kienu lahqu ftehim bonarju u giet ipprezentata kopja tieghu fl-atti odjerni;**

**Semghet l-ammissjoni guramentata tal-konvenuta ghat-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara li l-kirja li saret lill-konvenuta Jacqueline Camilleri saret mic-censwalisti tal-fond numru 30, Cathedral Street, Sliema, saret taht kondizzjonijiet mhux gusti u ghalhekk is-socjeta' attrici, proprjetarja ta' l-imsemmi fond mhux obbligata tirrikonoxxi l-kirja;**

**2. Tiddikjara li l-konvenuta qed tokkupa l-fond fuq indikat minghajr titolu validu fil-ligi;**

**3. Tordna lill-konvenuta Jacqueline Camilleri tizgombra mill-fond numru 30, Cathedral Street, Sliema, fi zmien sitt xhur millum;**

**4. Illi in vista tat-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet l-ispejjez jibqghu bla taxxa.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**